# TNEHID TA' LTIM

## FIL-GHID TA' L-IMWIET

*Lil ħabibi G. A. li jifhimha.*

Ġibuli l-ward u l-weraq
ġibuli ħalli ndomm
kuruna ċkejkna, sbejħa,
li b'għożża nbus b'dal-fomm;

neħodha fuq il-qabar,
hemm fejn, għidtuli, nsib:
lil dik li tatni l-ħajja,
lil dik li f'qalbi nġib;

lil dik li ta' sidirha
għajxitni bil-ħalib;
dik li għallmitni l-ewwel
ir-radda tas-Salib,

u fil-wens ta' ħoġorha
għallmitni l-ewwel kliem;
u qaltli nħobb is-sewwa
x'ħin tat lid-dinja s-sliem;

lil dik li "mamma! mamma!"
insejjaħ domt għal żmien,
u nfittex fid-dar kollha
mingħajr ma nsibha mkien;

Lil dik li, kif għidtuli,
metitli ta' tletin;
lil ommi, l-lum midfuna
fil-Għalqa tal-Mejtin...

Jiena rrid fuq qabarha
inqiegħed il-wardiet
u l-weraq li ġġibuli
f'dal-jum ta' Għid l-Imwiet!

Ħal Lija

MARIO AGIUS

# MIKIEL ANTON VASSALLI

*(Jorbot mal-Għadd ta' Ġunju paġ. 53)*

L-ewwel faċċata tal-Kodiċi Diplomatiku ta' Sqallija kienet kopja stampata tal-kitba għarbija oriġinali tal-manuskritti għarbin tal-Kodiċi hekk imsejjaħ Martinjan għax misjub fil-Monasteru "Cassinese" ta' S. Martino qrib Palermu. Ma' din il-kopja kien hemm oħra bħalha, iżda mfissra bil-karattru għarbi korsiv neskhi u ma' ġenbha t-traduzjoni tagħha bit-taljan magħmulin mill-Abbati Vella. De Guignes, wieħed mill-aqwa Arabisti ta' dak iż-żmien, wara li fela din l-ewwel faċċata fisser fil-"Journal des Savans" ta' Awissu, 1786, illi l-Għarbi ta' dak it-test li deher bħala mudell fl-ewwel faċċata tal-Kodiċi kien jixbah fl-istil lil dak tad-Dutrina Nisranija stampata Ruma fl-1752 għat-tagħlim tal-poplu Malti (1) u għalhekk, fuq il-għarbi ta' dan it-test li kien qiegħed jistampa ruħu, ma satax jaħseb ħaġ'oħra ħlief illi hu għarbi mħassar li milli jidher kien aktarx mitkellem fi Sqallija. Tychsen ukoll kellu xi dubju fuq dan il-Għarbi, iżda l-ħbieb ta' Vella serrħulu rasu billi qalulu u fehmuh illi l-Għarbi tal-Kodiċi kien dak ta' l-Isqallin ta' dari li lsienhom kien jixbah lil dak tal-Maltin. Biex iħalsuh ta' din it-traduzzjoni lil Vella għamluh Professur tal-Għarbi f'Palermu. Il-Kanonku R. de Gregorio tfantas għall-aħħar għax deherlu li dik il-kariga kienet tmiss lilu. Taħt il-psewdonimu ta' *Veillant* xandar ittra lil De Guignes, miktuba bi franċiż ħażin ħażin, fejn wera illi l-Għarbi tal-prefazzjoni tal-Kodiċi kien miktub bil-Malti u mhux bil-Għarbi sewwa. Fost il-ħbieb ta' Tychsen kien hemm ukoll il-Professur Simone Assemanno tal-Kulleġġ tal-*Propaganda Fide* ta' Ruma. Dana mill-ewwel kien tal-fehma li l-Kodiċi kien falz, iżda ma ħasebx ħażin fuq Vella; lil Vella qiesu bħala bniedem li kixef dawk id-dokumenti foloz u mhux bħala bniedem li iffalzahom. F'waħda mill-ewwel ittri huwa kiteb lil Tychsen:"Lill-Abbati Vella jiena sirt nafu *in persuna* f'Malta; dana żgur li mhux bniedem li għandu l-ħila jagħmel din il-biċċa qerq." F'Aw-issu tal-1789, jiġifieri erba' snin qabel ma Vassalli ħareġ it-traduzzjoni tat-tliet skrizzjonijiet għarbin, Assemanno raġa' kiteb lil Tychsen: "Jista' jkun illi l-awtur tal-Kitba Għar-bija tal-Kodiċi huwa Malti, iżda lanqas ma naħseb li hija ta' l-Abbati Vella li jiena bi ħsiebni nibqa' niddefendi l-inno-ċenza tiegħu għaliex nafu bħala persuna l-iktar onesta." Iżda snin wara, jiġifieri meta Vella nsab ħati talli kien iffalzja

(1) *Tagħlim Nisrani* tal-Qassis Wzzino, Vigarju ta' l-Isqof Alpheran.